**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 12 ta' Marzu 2024**

Rikors Numru: 528/23 AL

A B

vs

C D

(M.R. Numru 1673/2001)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet izzewgu nhar is-sebgha t' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed [07.10.2001] gewwa l-Knisja Parrokkjali tal-Fgura u li minn

dan iz-zwieg taghhom huma kellhom tlett ulied ossia E, maggorenni u tistudja fuq bazi full-time, F u G ahwa D lkoll minorenni.

2. Illi l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mill-ghaxra taNovembru tas- sena elfejn u wiehed u ghoxrin [10.11.2021] u dana permezz ta' kuntratt fl-atti tan- nutar pubbliku Dr. Patricia Vella Haber LL.D, kopja ta' liema kuntratt qieghda tigi hawn annessa u mmarkata, Dok DL1.

3. Illi ma hemm l-ebda prospett ragionevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) huma ormai ghandhom hajja totalment separati minn ma xulxin.

4. Illi ma hemm l-ebda manteniment dovut versu l-konvenut, stante rinunzja reciproka li tirrizulta mill-anness kuntratt fi klawsola numru tnejn (2) tal-istess, u lanqas ma hemm arretrati dovuti in linea tamanteniment ghat-trobbija tal-minuri, pagabbli mill-konvenut lir-rikorrenti skond fit-termini taklawsola hamsa sub-inciz 'g' tlieta (5(g)(iii)).

5. Illi l-esponenti qieghda in oltre tesebixxi l-affidavit taghha stess anness u mmarkat bhala Dok. DL2 permezz ta' liema affidavit hija tikkonferma l-fatti hawn esposti.

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet;

2. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghall-daqshekk mill- istess Qorti, javza lid-Direttur tas-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal- partijiet sabiex dana jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz tagħha espona:-

Illi jaqbel u jikkonferma li izzewgu nhar is-sebgha ta' Ottubru tas-sena elfejn u wiehed [07.10.2001] gewwa l-Knisja Parrokkjali tal-Fgura, u li minn dan iz-zwieg taghnom huma kellhom tlett ulied ossia E, F u G ahwa D Ikoll minorenni;

Illi jaqbel li l-partijiet ilhom legalment separati minn xulxin sa mill-ghaxra ta' Novembru tas-sena elfejn u wiehed u ghoxrin [10.11.2021] u dana permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar pubbliku Dr. Patricia Vella Haber LL.D;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet, stante li minbarra l-fatt illi l-partijiet ilhom legalment separati sa mill-elfejn u wiehed u ghoxrin (2021) huma ormai ghandhom hajja totalment separati minn ma xulxin;

Illi l-esponenti ma jaqbilx ghar rigward pendenzi fis-sens li ghalkemm hu hallas kull retta alimentarja dovuta, ir-rikorrenti ghada ma hallsitx bilanc dovut fl- ammont ta' € 1,850;

Illi l-esponenti m'ghandhux oggezzjoni ghat talba ghal divorzju u/jew hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Att XIV tal-2011 u li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku, wara li jithallas I-amnont dovut;

Illi l-esponenti m'ghandux ihallas spejjez stante li t-talba hija tar-rikorrenti;

Tant ghandu unur jissottometti.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-31 ta' Jannar 2024;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-intimat;

Rat il-verbal tas-seduta tas-6 ta' Marzu 2024 li permezz tiegħu Dr. David Farrugia Sacco għall-intimat irtira l-oġġezzjoni tal-intimat għat-talbiet kontenuti fir-rikors promotur peress illi l-ispejjez in kwistjoni ġew saldati mir-rikorrenti;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-10 ta' Novembru 2021;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur

tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.